MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 799/2004

**Maria Dolores Purkiss**

**vs**

**Martin u Joan Alfreda konjugi Tonna**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta’ April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannat ihallasu lill-attrici s-somma ta’ elf, mitejn u erbgha liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1204.50) liema somma tirrapprezenta l-hlas ta’ cens (canone) dovut lilha mill-konvenuti fuq il-forn numru 5 u 6, Garden Street, Qormi ghall-iskadenzi tal-4 ta’ Ottubru 2003, tal-4 ta’ Jannar 2004 u tal-4 ta’ April 2004 u dana ai termini ta’ kuntratt ta’ emfitewsi temporanja fl-atti tan-Nutar Dottor Antone Agius data 4 ta’ Settembru 1995.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 2004 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegebu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallasu lill-attrici s-somma ta' elf, mitejn u erbgha liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1204.50), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar 2004 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------